MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 77/2014

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Vincent CHTCHIGROVSKY [ID. Nru. 59128A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-4 ta' Frar, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett elef u erbgha u tletin euro u hamsin ċenteżmu ta' euro [€3,034.50c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' tlett elef u erbgha u tletin ewro u hamsin ċenteżmu (€3034.50) in kwantu ghal elf disa' mija hamsa u ghoxrin ewro u erbgha u ghoxrin ċenteżmu (€1925.24) in konnessjoni ma' 79666650 (AC40181275) u elf mija u

disa Ewro u sitta u ghoxrin ċenteżmu (€1109.26) in konnessjoni ma' 79971121 (AC40176510).

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 1690/13, u bl-imghax mit-23 ta' Lulju 2013 data ta' l-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni u li ma deherx ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal nhar is-7 ta' Mejju, 2014 u tal-lum stess.

Ra li Dr. Keith Grech iddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 u 13 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

Semgha x-xhieda ta' Simone Wightman rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-intimat ghad fadallhu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €3,203.50c.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' €3,034.50c rapprezentanti din is-somma servizz ta' kommunikazzjoni u penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-intimat ghandu jhallasha s-somma ta' tlett elef mitejn u tlett euro u hamsin ċenteżmi ta' euro [€3,203.50c].

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni u baqa ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fis-7 ta' Mejju, 2014 u tal-llum stess.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi Simone Wightman iddikjarat li l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €3,203.50 li hija aktar mis-somma reklamata ta' €3,034.50 reklamata permezz ta' dawn il-proceduri. It-Tribunal sejjer jipproċedi fuq dan l-ahhar ammont ghax dik hija t-talba li ghandu quddiemu.

9. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett elef u erbgha u tletin euro

u hamsin ċenteżmu ta’ euro [€3,034.50c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba mit-23 ta’ Lulju, 2013.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat, inkluż dawk ta’ l-ittra uffiċjali numru 1690/13.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------